

# Servizzi ta' Maniġġar tal-Każ

## Is-Servizzi ta' Maniġġar tal-Każ jipprovdu sapport u għajnuna lill-anzjani fraġli, lil nies bid-dimenzja u lil nies iktar żgħażagħ b' diżabbiltajiet biex hekk ikunu jistgħu jibqgħu joqogħdu fi djarhom.

Is-sapport jingħata permezz ta' programmi imsejħa 'pakketti ta' kura' individwali: Dawn il-programmi jissapportjaw lill-individwi bi ħtiġijiet ta' kura komplessa biex jgħixu indipendentement fil-komunità. Xi drabi jkunu jistgħu jintużaw xi fondi biex jinxtraw servizzi oħra għal nies li l-ħtiġijiet tagħhom ma jkunux jistgħu jiġu moqdija kollha minn servizzi oħra komunitarji u tas-saħħa

### Il-Maniġers tal-Każ

Il-Maniġers tal-Każ jaħdmu flimkien mal-klijenti u dawk li jduru b'xi ħadd biex jiżviluppaw pjan ta' sapport li jippromwovi l-indipendenza, s-saħħa fiżika u l-ġid emozzjonali tal-persuna. Il-pjanijiet ta' kura jkunu żviluppati u riveduti biex jkun żgurat li jibqgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-klijenti u ta' dawk li jduru bihom. Il-Maniġer tal-Każ jimmaniġġa wkoll is-servizzi inklużi fil-pjan ta' kura bħal servizzi ta' mistrieħ, kura personali u trasport.

### Rabtiet (Linkages)

Il-programm tal-Linkages huwa mifhum biex jissodisfa il-ħtiġijiet ta' nies li inkella jkollhom jiddaħlu f' kura residenzjali għal perjodu twil. Kull programm huwa żviluppat speċifikament biex jissodisfa l-miri u l-ħtiġijiet tal-persuna li tkun tinħtieġu. Il-programmi tal-Linkages huma flessibbli u miktubin individwalment.

### Pakketti tal-Kura Komunitarja għall-Anzjani (Community Aged Care Packages[CAPS])

Il-Pakketti tal-Kura Komunitarja għall-Anzjani huma programme ta' kura ppjanati u kordinati individwalment, imfasslin biex jgħinu l-anzjani jibqgħu fi djarhom. Huma ddisinjati biex jgħinu lil individwi li inkella jkunu jiħtieġu li jidħlu f' kura residenzjali għall-anzjani ta' grad baxx.

### Pakketti ta' Sapport Individwali (Individual Support Packages [ISP's])

Il-Pakketti ta' Sapport Individwali (ISP's) huma allokati mid-Department of Human Services (Dipartiment tas-Servizzi Umani)lil nies b' diżabbiltajiet. Il-pakkett ikun imfassal mill-persuna li jkun allokat għaliha; għalhekk jiżgura li jissodisfa l-ħtiġijiet ta' sapport individwali u uniċi relatati mad-diżabbiltà tagħha/tiegħu. Il-persuna bil-pakkett ta' sapport tista' tinkludi l-aċċess għal Maniġer tal-Każ bħala parti mil-pakkett, biex jgħinhom bil-kordinament tas-servizzi u fil-kisba tal-miri u l-aspirazzjonijiet tagħhom.

### Min jista' juża dawn is-servizzi?

Programmi differenti għandhom kriterji differenti għall-eliġibbiltà jew għad-dħul. Ġeneralment l-individwi jistgħu jkunu eliġibbli jekk huma

- Jixtiequ li jibqgħu joqogħdu f'darhom
- Jeħtieġu maniġġar kontinwu tal-każ biex jippjanaw, jikkordinaw u jimmoniterjaw is-servizzi
- Għandhom ħtiġijiet komplessi u jeħtieġu servizzi iktar flessibbli u estensivi minn dawk li fil-preżent huma disponibbli permezz ta' programmi oħra.

Merri Community Health Services

## Kemm jiswa?

- Hemm tariffi għall-programmi kollha u huma bażati fuq kemm jistgħu jħallsu l-klijenti. F' ċerti ċirkustanzi t-tariffi jkunu jistgħu jinħafru jew jitnaqqsu biex jgħinu lill-klijent meta jitfaċċaw diffikultajiet finanzjarji. Il-provdituri tas-servizz jistgħu jixtru wkoll maniġġar tal-każ
- b' arranġament ta' tariffa għal kull servizz billi jikkuntattjaw lill-Case Management Team Leader fuq: (03) 9304 9221

## Għal iktar tagħrif ikkuntattja:

- Lill-Commonwealth Respite and Carelink Centre/ Carelinks North immexxi minn Merri Community Health Services fuq: 1800 052 222
- Lin-North West Aged Care and Assessment Service fuq: (03) 8387 21 93
- Lid-Department of Human Services, Disability Client Services Intake and Response Service fuq: (03) 9412 2741

Merri Community Health Services

Pubblikat f' Awwissu, 2010
Għal iktar tagħrif jew jekk tinħtieġ xi appuntament, ikkuntattja lill-Merri Community Health Services illum

www.mchs.org.au